MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 6

27 ta' Novembru 2024

Minuti tas-seduta Nru. 5 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier J. Cauchi u R. Bartolo Cutajar li kienu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## Irtirar tas-Segretarju Eżekuttiv **(P/7/1/Vol XVI)**

Għall din il-parti tas-seduta attendew il-membri kollha mpjegati mas-Segretarjat tal-Kunsill, is-Sinjuri, M. Gambin, Y. Muscat, C. Mifsud, P. Caruana, u R. Mifsud.

Is-Sindku G. Micallef talab li jiġi reġistrat li din is-seduta ser tkun l-aħħar waħda tas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, li serva f'din il-kariga għal 31 sena mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Huwa qal li f'isem il-Kunsill jixtieq juri l-apprezzament tiegħu għall-mod kif mexxa l-qasam amministrattiv tal-Kunsill.

Is-Sur C. Debono qal li jista' jgħid li l-Kunsill okkupa parti sostanzjali minn ħajtu, iżda jħares lura b'sodisfazzjon għaliex kien parteċipi f'ħidmietu mill-bidu nett, filwaqt li tgħallem ħafna mill-esperjenzi li għadda minnhom. Kompla jgħid li s-Segretarjat tal-Kunsill jinvolvi volum kbir ta' xogħol, iżda huwa varjat u nteressanti tant li jkompli jixprunak li taħdem iktar. Irrejalizza wkoll li fix-xogħol tal-Kunsill ma tistax timxi la bir-riga u lanqas bl-arloġġ għall-ħin u d-dedikazzjoni li jitlob.

Huwa qal li dejjem ħass li kellu l-fiduċja tal-membri eletti u l-impjegati tul il-karriera tiegħu, minkejja li kien hemm okkażjonijiet meta kellu jmur kontra l-kurrent, b'sens ta' lejaltà lejn l-interessi tal-istess Kunsill.

Is-Sur C. Debono rringrazzja lis-Sindku G. Micallef u l-membri attwali tal-Kunsill, u b'mod speċjali lill-Kunsillieri E. Bartolo u J. Buttigieg li ilhom iservu 'l fuq minn ħamsa u għoxrin sena. Irringrazzja wkoll l-istaff li appoġġjawħ fil-ħidma tiegħu biex ġew introdotti l-prattiċi mħaddma attwalment. Huwa awgura lis-Sinjura M. Gambin li ser tkun qed tagħmilha ta' Deputat, sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li huwa ħadem mill-qrib mas-Sur C. Debono, partikularment fit-tliet Kunsilli li huwa serva bħala Sindku. Huwa qal dejjem qiesu bħala spalla bil-pariri u l-ħidma tiegħu li huma evidenti mis-sistemi li ntroduċa. Is-Sur J. Buttigieg stqarr ukoll li l-mod li ħadem biħ ġew evitati konflitti bejn membri eletti, kif ukoll mal-pubbliku, li setgħu jxekklu lill-Kunsill f'ħidmietu.

**Minuti -**

1.1. Il-minuti tas-seduta preċedenti ġew approvati mingħajr emendi.

**2.0. Materji Mqajma mill-Minuti**

**2.1.1. Użu ta' binja fil-Park tal-Majjistral f'Għajn Tuffieħa (A/4/10)**

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.8.1. fil-minuta tas-seduta preċedenti dwar talba li saret mill-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża, u Proġetti Strateġiċi biex jieħdu l-binja (Tenement Nru. E26228), devoluta lill-Bord tal-Park tal-Majjistral u allokata lill-Kunsill, sabiex jiġi nstallat tagħmir tat-telekomunikazzjoni. Huwa fakkar li fl-istess seduta r-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Bord, il-Kunsillier J. Buttigieg, qal li l-imsemmi Bord qed joġġezzjona għal dan. Is-Sur C. Debono qal li huwa evidenti li l-Bord għadu ma kkomunikax din il-pożizzjoni għar-raġuni li d-Direttur Ġenerali ta' Ambjent Malta reġa' staqsa dwar l-pożizzjoni tal-Kunsill.

2.1.3. Peress li d-devoluzzjoni tal-beni fil-Park ta' Natura u Storja saret lill-Bord li jamministrat l-istess park skont ftehim datat 19 ta' Novembru 2011, kien hemm qbil li għandha tingħata tweġiba direttament lill-istess Bord. Fiha għandu jingħad li l-Kunsill qed joġġezzjona għat-talba u jinsisti li din il-binja tibqa' għand il-Kunsill fl-intier tagħha minħabba l-użu attwali tagħha, kif ukoll fid-dawl tal-istrateġija li tfasslet mill-istess Bord li permezz tagħha huwa ntenzjonat li jsir ċentru ta' interpretazzjoni dwar it-trobbija tan-naħal.

**2.2.1. Festa ta' San Martin fid-Dar tal-Anzjani (A/1/1/Vol II)**

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferiet għall-minuta 5.16.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-attività li kellha sseħħ fil-parkeġġ tad-Dar tal-Anzjani, fl-10 ta' Novembru 2024, kellha titħassar minħabba l-maltemp.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Laqgħa ma' uffiċjali mill-Malta Libraries (L/4/Vol III)**

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferiet għall-minuta 5.18.4. tas-seduta preċedenti u qalet li l-*book box* proposta fi Ġnien il-Qigħan mhux neċessarjament tkun *telephone booth* bħal dik li hemm fil-Park tal-Familja. Hija proponiet li din il-faċilità tista' tkun sempliċiment armarju miżbugħ b'tali mod li jiġbed l-attenzjoni tat-tfal.

2.3.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ippropona wkoll li faċilità simili għandha tiġi pprovduta fi Ġnien il-Kenn Soċjali f'Ta' Pennellu.

2.3.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa skont il-minuti 2.3.2. u 2.3.3.

**2.4.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.4.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferiet għall-minuta 5.21.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-attività msemmija seħħet kif kien ippjanat fl-Irżieżet ta' Selmun nhar is-Sibt 23 ta' Novembru 2024. Attendew għalija diversi tfal akkumpanjati mill-ġenituri.

2.4.3. Il-Kunsill innuta t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Laqgħa mal-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate (S/2/Vol V)**

2.5.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-minuta 5.10.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-14 ta' Novembru 2024 saret il-laqgħa mal-għaqda msemmija u fiha ġew trattati materji li jolqtu ż-żona ta' Santa Marija Estate, fosthom:

- Is-sistema tad-drenaġġ li saret ma tlaħħaqx mad-domanda minħabba żieda fid-densità tar-residenti bl-iżvilupp li sar matul is-snin;
- Ħruġ ta' drenaġġ fil-Wied Ta' Għajn Żejtuna;
- Formazzjoni ta' sqaq fi Triq Għajn Żejtuna parallel ma' Triq iż-Żebbuġ;
- Kostruzzjoni ta' taraġ bejn Triq Ta' Taħt l-Irdum u Triq in-Nixxiegħa;
- Asfaltar mill-ġdid fix-Xatt Ta' Santa Marija;
- Ħsara fil-pontijiet li hemm fix-Xatt Ta' Santa Marija u fi Triq il-Pont; u
- Il-kostruzzjoni ta' ġwiebi għall-ilma tax-xita.

2.5.3. Il-Kunsill innota l-punti mqajjma.

**2.6.1. Laqgħa għar-residenti tal-Manikata (M/1)**

2.6.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-minuta 5.32.1. tas-seduta ta' qabel għarraf li saret il-laqgħa għar-residenti tal-Manikata fil-21 ta' Novembru 2024 fejn dawk preżenti ġew aġġornati bil-ħidma li twettqet mill-Kunsill minn Ġunju 2024. Huwa qal li l-ħidma kien ċċentrata fuq it-traffiku u s-servizz tal-karozzi tal-linja. Is-Sur G. Micallef aċċenna wkoll li ftit jiem qabel ir-residenti kellhom laqgħa mal-Onor. C. Bonett il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi, fejn huwa ntalab jattendi.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

3.1.1. Ma saru ebda mistoqsijiet waqt is-seduta.

**4.0. Tqegħid ta' karti**

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 22/11/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 26/10/24 – 21/11/24;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 10/10/24 – 06/11/24;
- Minuti ta' laqgħa mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali – 01/11/24;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

**5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri**

**5.1.1. Tiġdid tal-ftehim dwar *i*BINS (K/6/11)**

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Novembru 2024 fejn GreenPak Co-Operative Ltd għaddew abbozz ta' ftehim li jirregola il-provista, żamma u tbattil tal-*i*BINS li jinsabu fil-lokali. It-terminu tal-ftehim huwa minn Novembru 2024 u Ottubru 2026.

5.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiġi ffirmat il-ftehim, soġġett għal xi tibdil li jista' jintalab mill-Kunsill Reġjonali Tramutana peress li ntweriet l-intenzjoni li jkun hemm test komuni għall-Kunsilli kollha msieħba.

**5.2.1. PA 7710/24 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq iż-Żnuber, Triq Salvu Camilleri u Triq Tas-Salib (P/5/8/Z)**

5.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni li tinvolvi twaqqiegħ ta' binja u tħaffir tas-sit għal-livelli meħtieġa, bini ta' 12-il garaxx taħt il-livell tat-triq (għall-karozzi privati) u 21 spazju għall-

*karozzi*, 28 appartament residenzjali. Il-proposta tinkludi wkoll il-bini ta' *guesthouse* (Klassi 3A) ta' 26 kamra li tinkludi spa, pixxini, bar, żona tal-kolazzjon u gymnasium bħala faċilitajiet anċillari għall-*guesthouse*. Il-proposta tinkludi wkoll it-twaħħil ta' sinjali fuq faċċata, installazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi fil-livell tas-saqaf u xogħlijiet ta' tisbiħ biex jinħoloq spazju miftuħ għall-pubbliku.

5.2.3. Is-Sindku G. Micallef aċċenna li fit-23 ta' Novembru 2024 saret laqgħa ma' persuni li qed joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp. Flimkien miegħu attendew il-Kunsillieri J. Buttigieg, C. Castillo, E. Bartolo, u L. Darmanin. Kien hemm ħames persuni residenti tal-qrib li attendew, fosthom is-Sinjuri A. u S. Stellini u tliet persuni oħra. Il-laqgħa wkoll saret b'mod virtwali għar-residenti li ma setgħux ikunu preżenti. Ir-residenti lmentaw dwar l-għoli tal-bini propost minn naħa ta' Triq tas-Salib li ser ikun tmien sulari, filwaqt minn naħa ta' Triq Salvu Camilleri ser ikun sitta. Ilmentaw ukoll li dan ser iġib nuqqas ta' privatezza u żieda eċċessiva fid-densità tar-residenti. Is-Sur G. Micallef aċċenna wkoll li fl-2002 il-Kunsill kien staqsa lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-użu tal-art in kwistjoni.

5.2.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri kkummenta li dan l-iżvilupp għandu jitwaqqaf fid-dawl tal-istqarrija riċenti li għamel il-Prim Ministru R. Abela dwar l-iżvilupp ta' artijiet tal-gvern f'żoni urbani. Huwa qal li mil-lat ta' *policy* jista' ikun li l-applikazzjoni hija eliġibbli għall-permess bla problemi. L-uniku mezz li hemm f'dan l-istadju huwa li tittieħed deċiżjoni politika.

5.2.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li bl-għoli tal-binja li qed jintalab, jista' jagħti l-fatt li l-applikant qed iżid żewġ sulari fuq l-għoli stabbilit fil-Pjan Lokali, fuq il-permessa tal-*guesthouse*. Huwa qal li jrid jiġi ċċarat jekk din il-*policy* tapplikax fil-kaz hijiex limitata għal-lukandi biss.

5.2.6. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li l-emfasi għandu jsir fuq id-densità u impatti oħra bħalma huwa t-traffiku.

5.2.7. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li permezz ta' imejl datat 23 ta' Novembru 2024 l-iżviluppatur – is-Sur Roderick Conti - talab li jiltaqa' mal-Kunsill sabiex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu, u fil-fatt kien qed preżenti fil-kamra. Il-Kunsill issusspenda s-seduta sabiex jisma' x'għandu x'jgħid. Is-Sur R. Conti spjega l-proċedura li permezz tagħha huwa ngħata l-art u talab li ssir laqgħa apparti fil-preżenza tal-perit inkarigat sabiex jispjega l-aspetti varji tal-iżvilupp propost *vis-a-vis* il-*policies* prevalenti.

5.2.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkonferma li f'Diċembru l-2002 kien hemm korrispondenza mill-Kunsill mad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Proprjetà u rriżulta li l-art in kwistjoni ma tistax tiġi *landscaped* mill-Kunsill peress li din kienet intiża għall-bini. Dan kien anke ġie kkonfermat mill-MEPA li ndikaw illi l-ponta tagħha biss ma tistax tinbena. Huwa kkummenta li f'dan l-istadju huwa diffiċli li jitwaqqaf l-iżvilupp ta' din l-art, u għaldaqstant ikun jagħmel sens li l-Kunsill jibda jsegwi s-sejħiet għall-offerti li jinħarġu mill-Awtorità tal-Artijiet, għaliex jeżistu artijiet oħra tal-gvern fil-lokalità li jistgħu jiġu allokati bl-istess mod. Huwa ppropona li l-Kunsill għandu wkoll jitlob għar-reviżjoni tal-Pjan Lokali billi l-aħħar reviżjoni tiegħu saret fl-2006.

5.2.6. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' ma' l-iżviluppatur, kif ukoll li għandha tintalab konsulenza rigward it-talba *vis-a-vis* il-*policies* fis-seħħ għaż-żona in kwistjoni, u fatturi oħra bħalma hija d-densità tar-residenti u l-impatt fuq it-traffiku. Skont l-eżitu' ta' dawn il-kuntratti għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar saż-żmien stipulat.

**5.3.1. PA 7814/24 – Talba sabiex tinbena lukanda fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq San Publiju (P/5/8/G)**

5.3.2. Saret referenza għar-rijattivazzjoni tal-applikazzjoni PA 7814/24, li tinvolvi t-twaqqiegħ tal-bini eżisti u l-bini ta' lukanda ta' tliet stilel fis-sit Nru. 135, 135a, 137, 139, u 141 Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-Kunsill ġie mfakkar li f'applikazzjoni simili li tinvolvi l-istess sit - PA 5919/09 - kienet inġibdet l-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar:

(a) L-għoli tal-binja proposta fit-tliet toroq involuti abbażi ta' leġiżlazzjoni u policies prevalenti;

(b) Il-linja tal-bini fuq in-naħa ta’ Triq San Publiju; u

(c) Il-kawtela li għandu jkun hemm waqt it-twaqqiegħ tal-binja eżistenti u l-iskavar sabiex ma ssirx ħsara fix-xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija, li jestendi minn Triq l-Inkunazzjoni sa Triq l-Isqof Pace u jgħaddi eżatt bisiwit is-sit in kwistjoni.

5.3.3. Il-Kunsill osserva li r-rappreżentazzjoni dwar PA 5919/19 saret f’Marzu 2013 u għalhekk għandu jiġi verifikat jekk il-leġiżlazzjoni u *policies* ikkwotati għadhomx l-istess jew ġewx modifikati. Kien innutat li l-iskadenza għar-rappreżentazzjonijiet hija l-20 ta’ Diċembru 2024.

**5.4.1. PA 7711/24 - Installazzjoni latrina prefabbrikata fl-Għadira (P/5/8/G)**

5.4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li saret applikazzjoni mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex tiġi ntrodotta l-faċilità msemmija fuq il-*promenade* tal-Għadira fi Triq il-Marfa faċċata tar-*roundabout* quddiem l-Għassa tal-Pulizija. Din il-faċilità hija ntiża li titnaddaf waħedha.

5.4.3. Inġibdet l-attenzjoni li talba simili kienet saret permezz ta’ applikazzjoni PA 7886/22. Il-Kunsill ma kienx oġġezzjona għall-proposta *per se'*, pero’ kien ġibed l-attenzjoni li l-aperturi kollha għandhom iħarsu lejn ix-xatt, bil-għan li jitnaqqas l-impatt viżwali tal-istruttura, kemm-il darba din ma tkunx tista' titqiegħed dahar ma' dahar mal-*bus shelter*.

5.4.4. Kien innutat li l-proposta tinkludi dak li kien ikkumenta dwaru l-Kunsill fil-każ tal-applikazzjoni PA 7886/22, li ma jkunx hemm aperturi jħarsu fuq it-triq. It-talba tinvolvi wkoll il-kisi tal-ħitan ta’ barra bl-injam.

**5.5.1. PA 5908/23 – Bidla minn Żona Temporanja għal Żona Permanenti tat-Trobbija tat-Tonn kif stabbilit f'PA 2175/18 (T/8)**

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura kien ingħata permess sabiex titwaqqaf żona temporanja għall-akwakultura għat-tkabbir tat-tonn fit-tramuntana tal-Gżejjer Maltin. Permezz ta’ applikazzjoni PA 5908/23 l-istess Dipartiment talab li sit fuq is-Sikka l-Bajda li jinsab 4.5 km ‘l barra mill-Ponta tal-Aħrax, isir wieħed permanenti. Kien aċċennat ukoll li fil-11 ta’ Novembru 2024 saret laqgħa mal-konsulenti Adi Associates li ġew imqabbda mill-applikant sabiex jagħmlu studju dwar l-impatt li dan it-tibdil jista’ iħalli. Kopja tal-minuti tal-laqgħa ġew iċċirkolata qabel is-seduta.

5.5.3. Il-Kunsill dehrlu li l-unika salvagwardja kontra l-ħsara ambjentali hija rappurtar regolari lill-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar imsejjes fuq spezzjonijiet minn entitajiet kompetenti indipendenti esperti f’dan il-qasam.

5.6.1. **Ħsara fi proprjetà minn vetturi fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XVI)**

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta 41 tat-23 ta’ Awwissu 2022 dwar ħsara li ġiet ikkawżata fi proprjetà li tinsab fi Triq Snajjin, fil-parti bejn Triq il-Ħasira u Taraġ Snajjin. Dan billi l-vetturi jkollhom jinstaqu ma’ naħa waħda tat-triq, minħabba vetturi oħra pparkjati n-naħa l-oħra tat-triq . Fl-imsemmija seduta, il-Kunsill kien iddeċieda li ma jitnaqqsux postijiet għall-ipparkjar u għalhekk għandu jsir użu minn barrikata li teħel fuq il-bankina tal-applikant bil-għan li l-vetturi jżommu lill’hinn mill-gallariji.

5.6.3. Permezz ta’ imejl datat 19 ta’ Novembru 2024, l-istess resident baqa’ jinsisti li l-barrikata mhijiex is-soluzzjoni għall-problema, u għalhekk saret konsultazzjoni ma’ Transport Malta, li minn naħa tagħhom wieġbu li l-bankina mhux wiesgħa biżżejjed biex issir barrikata. Permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Settembru 2022, Transport Maltan rrakkomandaw li ssir tabella fi Triq Snajjin kantuniera ma’ Triq il-Kbira, li tipprojbixxi vetturi kbar ta’ ċertu għoli. Transport Malta ma kkummentaw xejn dwar il-projbizzjoni ta’ vetturi pparkjati fuq in-naħa l-oħra tat-triq, u allura wieħed joħodha li qegħdin jaqblu li dan għandu jibqa’.

5.6.4. Permezz ta' imejl datat 19 ta' Novembru 2024, l-istess proprjetarja tenniet l-insistenza tagħha li rrispettivament jekk il-vetturi jkunux ser jirrendu servizz fit-triq jew le, il-ħsara xorta waħda tista' issir sakemm l-għoli tal-vetturi jaqbeż 2.7 metri.

5.6.5. Fiċ-ċirkostanzi, il-Kunsill iddeċieda li jitneħħew il-kliem *"Except to Render a Service"* minn mat-tabelli eżistenti li jipprojbixxu vetturi għola minn 2.7 metri, skont waħda mill-alternattivi ndikata minn Transport Malta fl-ittra tagħhom tad-29 ta' Settembru 2022.

**5.7.1. Xogħol ta' twaqqiegħ, skavar u tħaffir ta' trinek fil-perjodu tas-sajf f'żoni turistiċi** **(T/12/Vol IV)**

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 21 ta' Novembru 2024 mibgħut mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fejn il-Kunsill intalab jindika tibdil fil-lista tat-toroq fejn ma jistax isir xogħol ta' twaqqiegħ, skavar u tħaffir ta' trinek, bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2025.

5.7.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona ż-żoni ta' San Ġużepp/Santa Marija, ta' Snajjin, Ġnien Ingraw, u wara l-Knisja għandhom jiġu nklużi mal-lista.

5.7.4. Il-Kunsill qabel mal-projbizzjoni ta' xogħlijiet fiż-żoni ndikati fil-minuta preċedenti, li effettivament jkopru t-toroq segwenti:

- Triq Franġisk Zahra *(minn Triq il-Kbira sa Triq San Ġużepp)*
- Triq Nofsinhar
- Triq il-Mitħna l-Qadima *(minn Triq Santa Marija sa Triq San Ġużepp)*
- Triq tas-Salib *(minn Triq il-Kbira sa Triq San Ġorġ)*
- Triq San Ġużepp
- Triq San Ġorġ
- Triq Santa Marija

- Triq Snajjin *(minn Triq il-Kbira sa Triq Għerien)*

- Triq il-Madonna tal-Għar
- Triq il-Mitħna l-Ġdida *(mill-parti li tagħlaq sa Triq Edward Camilleri)*
- Triq Monsinjur Indri Fenech
- Triq il-Qalb Imqaddsa
- Triq l-Għollieqa
- Triq Ġnien Ingraw
- Triq San Luqa
- Triq San Pawl
- Triq San Publiju
- Triq is-Santwarju

**5.8.1. Xogħlijiet meħtieġa fi Triq il-Peprin** **(T/4/7/Vol III)**

5.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fid-19 ta' Novembru 2024, huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo u l-uffiċjal M. Gambin attendew laqgħa ma' uffiċjali mill-aġenzija Infrastruttura Malta u żviluppaturi ta' proprjetajiet konfinanti minn Triq ir-Riħan, Triq id-Deru, Triq ir-Rattan u Triq Ta' Masrija. Fl-istess laqgħa ġew diskussi x-xogħlijiet li jeħtieġ isiru li jinkludu:

- Bini ħajt li jżomm fuq in-naħa tal-parti mhux mibnija ta' Triq ir-Riħan mis-sidien (Famalco Ltd);

- Spusstament tas-*substation* tal-Enemalta minn Triq Ta' Masrija għall-blokka proposta li tinbena minn Famalco Ltd;

- Il-bini ta' taraġ fi Triq ir-Rattan, li taħtu trid issir *substation* tal-Enemalta biex issaħħaħ il-provista tal-elettriku f'akwati; u

- Il-proċeduri li jeħtieġ jiġu segwiti biex jinħoloq aċċess skont l-iskema tat-toroq. Kien indikat li dan il-proċess għandu jiġi skattat mill-Kunsill billi jagħmel talba formali biex isir dan.

5.8.3. Biex jittaffew l-inkonvenjenzi, il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-intervent ta' Infrastructure Malta sabiex issir il-formazzjoni ta' toroq skemati fis-sit in kwistjoni. B'hekk jingħata aċċess bil-vetturi u tagħmir tal-kostruzzjoni, filwaqt li Triq ir-Riħan, Triq il-Peprin u possibilment Triq id-Deru u Triq ir-Rattan ikunu jistgħu jintużaw mingħajr xkiel, jew possibilment jinfetħu qabel jinbdew ix-xogħlijiet. B'dan il-mod tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta skont kif indikat fil-minuta preċedenti.

## 5.9.1. Konġestjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol III)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fid-19 ta' Novembru 2024, huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-uffiċjal M. Gambin attendew laqgħa ma' uffiċjali minn Transport Malta – Is-Sur M. Cohen, I. P. Vella u l-Periti E. Micallef, u A. Conti. Għan-naħa tal-Malta Chamber of SME's attenda s-Sur A. Aquilina. Ġew diskussi miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex tingħeleb il-problema ta' konġestjoni tat-traffiku fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier. Minn naħa ta' Transport Malta sostnew li għandu jonqos il-parkeġġ ta' vetturi bil-għan li jkun hemm spazzju fejn it-traffiku li jkun nieżel ikollu fejn jidħol u jistenna biex jgħaddi dak li jkun tielgħa fid-direzzjoni opposta.

5.9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li d-delegazzjoni tal-Kunsill ressqet il-punti segwenti:

- L-introduzzjoni ta' *interchange u minibus shuttles* li jiċċirkolaw fiż-żona urbana tal-Mellieħa;
- Introduzzjoni ta' *intelligent traffic light system* fit-toroq ewlenin; u
- Ir-rijattivazzjoni tal-proposta li tinvolvi s-separazzjoni tar-rotot tal-karozzi tal-linja bejn it-toroq ewlenin u Triq Edward Camilleri, flimkien mal-introduzzjoni ta' *bus interchange* fi Triq Selmun.

5.9.4. Kien deċiż li l-kuntatti għandhom jitkomplew wara li jiġu analizzati *traffic counts* li għandhom jittieħdu fit-Telgħa Ta' Selmun, Triq Lewis Wettinger u fi Triq il-Kbira.

5.9.5. Il-Kunsill innota l-kuntatti li għaddejjin.

## 5.10.1. Parkeġġ riżervat komuni għall-persuni b'diżabilità fi Triq Nofsinhar (P/8/2/Vol VI)

5.10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret proposta tramite Transport Malta sabiex isir parkeġġ komuni għal persuni b'diżabilità li għandhom il-*blue badge,* fi Triq Nofsinhar bejn Triq Santa Marija u Triq San Ġużepp.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-proposta wara li ttieħed in konsiderazzjoni li fil-qrib joqgħodu żewġ persuna li għandhom il-*blue badge*.

**5.10.1. PA 0371/24 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq il-Miġbħa, Triq is-Sagħtar, u Wesgħat in-Narċis** **(P/5/8/M)**

5.10.2. Saret referenza għal imejl datat 25 ta' Novembru 2024 mibgħut minn Plan Group, fejn intqal li jeħtieġ jintramaw żewg *tower cranes* fis-sit tal-kostruzzjoni konfinanti mit-toroq imsemmija. Ġie ndikat ukoll li l-ħatt u t-tagħbija jsir fl-istess sit. Għal raġunijiet ta' sigurtà jeħtieġ wkoll li jintrama *hoarding* li jaqla metru '1 barra fit-triq. Sabiex ma jintilifx spazzju għall-ipparkjar, ġie propost li Triq is-Sagħtar, Wesgħat in-Narċis, u Triq il-Miġbħa jsiru *one-ways*.

5.10.3. Il-Kunsill ra l-pjanta mehmuża mat-talba u ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-introduzzjoni ta' *one-ways* fid-direzzjoni tal-arloġġ, li jinvolvu:

(a) Triq is-Sagħtar (between Triq il-Miġbħa u Wesgħat in-Narċis);

(b) Wesgħat in-Narċis; u

(c) Triq il-Miġbħa (bejn Triq ix-Xehda u Triq Monsinjur Franġisk Xuereb).

5.10.4. Il-Kunsill ta l-kunsens tiegħu għall-arranġament ta' hawn fuq, sakemm tingħata l-approvazzjoni finali minn Transport Malta u l-inklużjoni tagħha fil-*Construction Method Statement* approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.10.5. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-minuta 5.25.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li r-residenti li qed joġġezzjonaw għall-iżvilupp skont il-permess PA 0371/24 ressqu talba mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sabiex tiġi nvestigata l-evalwazzjoni tal-art in kwistjoni. Irrefera wkoll għad-diskussjoni li saret mill-Kummissjoni tal-Ippjanar fl-20 ta' Novembru 2024, meta ġie approvat il-permess. Fid-dawl ta' dan is-Sur G. Micallef ippropona li l-Kunsill għandu jressaq appell mal-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex itenni l-punti li saret l-oġġezzjoni dwarhom fi stadju ta' konsultazzjoni, fosthom l-għoli tat-tliet blokki proposti u ż-żieda fid-densità tar-residenti.

5.10.6. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta preċedenti.

**5.11.1. Twaqqif tal-Kunsill Lokali tat-Tfal** **(Z/1/Vol VI)**

5.11.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin rreferiet għaċ-ċirkulari AKL 2024/043 datata 27 ta' Ġunju 2024 dwar is-suġġett imsemmi. Hija qalet li fl-14 ta' Novembru 2024 saret laqgħa għat-tfal li wieġbu għas-sejħa biex jipparteċipaw fil-Kunsill Lokali tat-Tfal. Hija għarrfet li attendew 15-ħmistax-il tifel u tifla li aċċennaw għall-ħtieġa ta' aktar wesgħat pubbliċi; rinovar tal-*playgrounds*, u l-infurzar tal-liġi dwar it-tipjip fl-istess postijiet.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Attività fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-tfal** **(A/5/3/Vol XIII)**

5.12.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin ipproponiet li fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal tittellgħa attività fuq il-Belvedere tas-Sur fit-8 ta' Diċembru 2024. Kien suġġerit li jkun hemm personaġġi popolari fost it-tfal, animaturi, tqassim ta' kotba, u frott. Hija aċċennat li l-Kunsill kien alloka €1,500 għal din l-inizjattiva..

5.12.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**.5.13.1. Ħarġiet kulturali** **(A/5/5/Vol VII)**

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ħarġa li saret fl-20 ta' Novembru 2024, lejn il-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini u l-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.14.1. Tindif volontarju** **(T/6/1/Vol IV)**

5.14.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ppropona li l-*clean-up* li kellha ssir fit-23 ta' Novembru 2024, tiġi posposta għal aktar tard peress li l-Kunsill ser ikun impenjat b'attivitajiet marbuta mal-ġemellaġġ ma' Agia Napa, Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi..

5.14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.15.1. Servizzi Ewropej f'Malta** **(P/10/1/Vol IV)**

5.15.2. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li fit-30 ta' Ottubru 2024 hija attendiet sessjoni nformattiva mtellgħa minn Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) fejn ġew spjegati s-servizzi li din l-aġenzija toffri dwar il-finanzjament ta' proġetti permezz ta' programmi varji amministrati mill-Kummissjoni Ewropeja.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Installazzjoni ta' dwal tat-toroq ġodda f'diversi toroq** **(E/1/3/Vol IV)**

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef aġġorna lill-Kunsill fuq is-suġġett billi qal li l-*contract managers* Galea Curmi Engineering Consultants Ltd ser jissottomettu talba lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinkiseb kofinanzjament ta' 70% permezz tad-*Development Planning Fund* għal installazzjoni ta' ċirkwiti ġodda tad-dwal tal-toroq fi Triq il-Peprin, Triq Edward Camillieri, Triq il-Kbira u fi Triq il-Barkazza.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Aġġornament dwar il-manutenzjoni tal-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol VI)**

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li qed issir pressjoni fuq il-perit inkarigat mill-proġett imsemmi bil-għan li jissottometti applikazzjoni għall-kofinanzjament taħt id-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.17.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**5.18.1. Kuntratt MLC 1/2024 - Progett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill** **(P/10/40)**

5.18.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħol fuq dan il-proġett għaddej b'rittmu sodisfaċenti, filwaqt li l-għamara ser tieħu żmien biex tasal aktar milli kien ippjanat.

5.18.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li mhemmx ħtieġa li t-tagħmir tal-arja kkundizzjonata jiċċaqqlaq kif kien maħsub qabel, u għalhekk huwa stimat li ser jiġu ffrankati madwar €11,389. Sabiex dawn il-fondi ma jintilfux jeħtieġ li ssir talba sabiex ħalli minflok jintefqu fuq id-dwal LED għas-suffett, *video projector, smart UHD television*, Sistema tal-audio, u għamara. L-ispiża marbuta ma' dawn l-*items* kienet ser issir minn fondi tal-Kunsill, u hija stmata li tlaħħaq €11,224.11.

5.18.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.18.3.

**5.19.1. Kuntratt MLC 6/2023 – Tiżjin ta' toroq fil-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena** **(T/4/15/Vol II)**

5.19.2. Is-Sur Micallef għarraf li d-dwal dekorattivi tal-Milied ser jinxtelgħu fl-1 ta' Diċembru. Fid-dawl ta' għotja mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, huwa ippropona li flimkien mat-toroq inklużi fil-kuntratt MLC 6/2023, jiżdiedu:

- Triq il-Kbira bejn Triq Għajn Żejtuna u Triq il-Fortizza; u

- Triq il-Knisja l-Qadima fil-Manikata

5.19.3. Il-Kunsill approva l-varjazzjoni skont il-minuta 9.3 aktar '1 fuq.

**6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku G. Micallef illi tgħid:**

**"Fid-dawl ta' deċiżjonijiet li ttieħdu sabiex sar ristrutturar tal-impjegati fis-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll kien hemm żewġ postijiet battala li jeħtieġ jimtlew;**

**Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu;**

**Billi permezz ta' imejl datat 14 ta' Novembru 2024, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien ma' l-Aġenzija Jobsplus awtorizzaw l-inġaġġ tas-seba' ufficjal ġdid fi Skala 15 fuq bażi *full-time* apparti s-Segretarju Eżekuttiv;**

**Billi bis-saħħa ta' permezz maħruġ mill-Jobsplus: 392606 fis-6 ta' Mejju 2024 ġew intervistati numru ta' kandidati li kellhom ir-rekwiżiti meħtieġa, kif ukoll sar test prattiku flimkien mat-tieni intervista lill-iktar tlieta li ġabu punti fl-ewwel waħda;**

**Billi l-Bord tal-Għażla, maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 4 tal-24 tat-30 ta' Settembru 2024, fir-rapport tiegħu tal-14 ta' Novembru 2024, irrakkomanda l-impjieg tas-Sinjuri Claire Psaila Costantino (I.D. 472971M) u Ruth Muscat (I.D. 443789M), li ġabu l-għola marka globali;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mal-persuni msemmija mill-aktar fis possibbli.". (P/7/1/Vol XVI)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li kull membru ta l-marka tiegħu fuq kull kriterju li ġie trattat fl-intervista, kif ukoll fuq it-test prattiku li sar lit-tliet kanditati li ġew *shortlisted.* Il-Bord iddeċieda wkoll li l-intervista tingħata piż ta' 40%, filwaqt it-test prattiku 60%.

6.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

7.1. **Għoti ta' onorefiċenzi u apprezzamenti fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2024**
**(A/5/3/1/Vol XVI)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Bord ta' Rokkamandazzjoni ltaqa fil-25 ta' Novembru 2024 biex jara l-erbatax-il nominazzjoni li daħlu sad-data tal-għeluq. Kien hemm 18 li ġew imġedda, filwaqt li b'kollox hemm 53 nomina eliġibbli, li 13 minnhom ingħataw Rikonoxximent u 2 Apprezzament.

7.3. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll li skont il-kriterji stabbiliti, l-ex-Sindku Dario Vella u l-ex-Kunsilliera Annabelle Brincat Stellini huma eliġibbli għall-unur Ġieħ il-Mellieħa, peress li tal-ewwel serva bħala sindku, filwaqt li tat-tieni serviet f'żewġ kunsilli. L-ex-Kunsillier Marvic Abela jikkwalifika għal Rikonoxximent billi serva fil-Kunsill preċedenti.

7.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Bord irrakkomanda li l-Unur tal-Ġieħ jingħata lill-Art Club 2000, filwaqt ir-Rikonoxximent jingħata lis-Sinjuri Charles Attard, John Debono, u John Vella.

7.4. Il-Kunsill iddiskuta l-għoti ta' l-Apprezzament u qabel li dan għandu jingħata lis-Sinjura Carmen Chetcuti li ilha snin twal tgħin volontarjament fil-Parroċċa tal-Manikata. Hija ħadmet mill-qrib ma' tliet Kappillani, filwaqt li għal sittax-il sena sħaħ, hija kienet katekista u għallmet id-duttrina lit-tfal.

7.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa mill-Bord, kif ukoll dwar l-apprezzament tal-ħidma tas-Sinjura Chetcuti, u qabel li din għandha tiġi formalizzata permezz ta' mozzjoni mressqa fis-seduta li jmiss.

## 8.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XXV)

8.2. Is-Sindku G. Micallef ippropona li ċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill 2024 ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024 tkun taħt il-patroċinju tar-Reverendu Carl Andrew Schembri li daħal fis-saċerdozju aktar kmieni fl-2024.

8.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

## 9.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi (A/5/3/6/Vol IX)

9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-25 ta' Novembru 2024 saret laqgħa mal-għaqdiet li nteressati jieħdu sehem fil-Milied Mellieħi. L-i*stalls* tal-ikel armati f'Misraħ il-Parroċċa ser ikunu nkarigati minnhom: l-Għaqda tal-Armar; l-Għaqda tan-Nar Maria Bambina, l-Għaqda Mużikali Imperial, is-Società Filarmonica La Vittoria, il-Mellieħa Scout Group, u l-Assoċjazzjoni tar-Residenti tal-Manikata. *Stalls* oħra tal-artiġġjanat eċċ ser jintramaw minn Diane Cutajar, Carmen Sammut, Tara Darmanin, Pauline Deguara, u mis-Sorijiet ta' Tereza Nuzzo.

9.3. Huwa qal li b'riżultat tal-kuntatti li saru ppropona li l-programm ikun imqassa kif ġej:

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru fil-Knisja Parrokkjali tal-Manikata | Għanjiet tal-Milied, qari ta' poezija u mużika mill-Cordia String Quartet, segwiti minn bibità. |
| Is-Sibt 21 ta' Diċembru f'Misraħ il-Parroċċa | Wirja tal-presepji mill-Art Club 2000. Filgħodu wirja ta' *basketball*, *weightlifting* mis-Selmun Sports Club. Filgħaxija parata mill-Mellieħa Scout Group, program mill-Għaqda Mużikali Imperial, u kant minn kantanti varji. |
| Il-Ħadd 22 ta' Diċembru f'Misraħ il-Parroċċa | Wirja tal-presepji mill-Art Club 2000. Filgħodu kunċert minn persuna li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva. Kompetizzjoni tal-ħelu tal-Milied, *Party* għat-tfal, tombla b'riżq l-Istrina, wirja ta' żfin mill-Artemocion Dance & Leisure Studio, kant mill-kantanti Aalayah Portelli u Kelsy Attard, Maria Cini, Cassandra Scerri, Mirielle Borg, Thea Gauci u Emma Farrugia. Kunċert mill-Kor tat-tfal tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. |
| It-Tnejn 23 ta' Diċembru f'Misraħ il-Parroċċa | Wirja tal-presepji mill-Art Club 2000. Kunċert mill-Vuċijiet Vittorjani, żfin mill-Artemocion Dance & Leisure Studio. Kant minn Alexia Micallef, mill-grupp MARA u mużija mill-banda ta' Ryan Abela. |
| It-Tlieta 24 ta' Diċembru f'Misraħ il-Parroċċa | Wirja tal-presepji mill-Art Club 2000. Purċissjoni bil-Bambin mit-tfal tal-MUSEUM u presepju ħaj. Ikun hemm *Christmas Breakfast* wara li tintemm il-Quddiesa tal-Milied |

9.4. Is-Sur G. Micallef ippropona wkoll sabiex ikun hemm wirja ta' pittura minn tfal Ukreni li ser tinġieb Malta fuq inizjattiva mill-Onor. R. Cutajar.

9.5. Il-Kunsill approva l-programm u l-kontenut kif spjegat mis-Sindku.

**10.1. Estimi Finanzjarji 2025 – Proġetti Kapitali** **(F/1/36)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-proġetti kapitali li diġa nbdew u għadhom mhux konklużi, huma s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| **7200** | **Titjib** | |
| 7210 | Titjib fl-Uffiċċju li jinkludi r-rinovar tas-Sala tal-Kunsill – Joseph Borg | 66,500 |
| 7220 | Dwal tat-Toroq li jinkludi ċirkwiti ġodda Triq il-Kbira, Triq il-Peprin, Triq il-Padrun, Triq Edward Camilleri | 331,000 |
| 7230 | Għamara Ġdida tat-Toroq,eż: *litter bins*, bankijiet eċċ | 8,000 |
| **7300** | **Tagħmir** | |
| 7310 | Tagħmir tal-Uffiċċju | 5,000 |
| 7311 | Hardware tal-Kompjuter | 2,500 |
| 7312 | Sistemi ta' Sigurtà li tinkludi l-installazzjoni ta'sistema CCTV fi Triq il-Marfa, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq il-Kbira u Triq Edward Camilleri | 52,000 |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | |
| 7509 | Park tal-Familja - *Multi-Purpose Court / Dressing Rooms* | 400,000 |
| 7512 | Ġwiebi għall-Ilma tax-Xita fi Ġnien il-Qigħan u fi Ġnien tas-Salib | 75,000 |
| 7518 | Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Ghar | 280,000 |
| 7527 | Żvilupp ta' spazju rikrejattiv fuq art konfinanti minn Triq Mons. Franġisk Xuereb, Triq il-Għasel, u Triq l-Etna | 2,202,700 |
| 7506 | Bdil ta' *rubber flooring* fil-*Playground*s | 100,000 |
| 7504 | Bdil ta' dwal eżistenti madwar il-Knisja tal-Manikata | 80,000 |
| 7535 | Twaqqif mil-ġdid tan-Niċċa tal-Marfa | 20,000 |

10.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ppropona li jinżammu l-proġetti msemmija u staqsa lill-Kunsill dwar jekk hemmx proġetti li għandhom jiġu nklużi, kemm-il darba l-finanzi jkunu jippermettu, wara li tiġi kkalkulati n-nefqa rikorrenti.

10.4. Il-Kunsill innota l-minuti preċedenti u qabel li għandu jingħata aktar żmien qabel sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm lok li jiddaħħlu proġetti ġodda li għadhom mhux kommessi, qabel ikomplu jitfasslu l-estimi.

**11.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2024 (F/1/1/Vol IV)**

11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono talab li dan is-suġġet jiġi pospost għas-seduta li jmiss, peress li r-rendikont kien għadu ma ġiex konkluż.

**12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 22 ta' Novembru 2024.

12.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-26 ta' Ottubru u il-21 ta' Novembru 2024.

12.4. Ġiet imressqa skeda ta' Infieq permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn il-15 ta' Ottubru u s-6 ta' Novembru 2024.

12.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fil-10:00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Diċembru 2024 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**